# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 133/2018MH**

**Illum, 1 ta' Marzu, 2023**

**L-Onorevoli Kap tal-Oppozizzjoni l-Av. Dr Adrian Delia**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta'Malta et**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Onorevoli Prim Ministru, tal-Avukat Generali, tal-Kap Ezekuttiv ta' INDIS Malta Ltd, tal-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' tal-Artijiet u tac-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet tal-25 ta' Frar 2023 ai termini tal-Art. 243 tal-Kap 12** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

*Jesponi bir-rispett.*

*Illi 1-partijiet jaghmlu riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet fuq premessi, moghtija nhar l-24 ta' Frar 2023 fejn din 1-Onorabbli Qorti hassret u annullat il-Koncessjoni Enfitewtika temporanja fl-Atti tan-Nutar Thomas Vella tat-22 ta' Marzu 2016 kif ukoll ir-Related*

*Instruments flimkien mal-emendi u addendum varji illi saru u li jiffurmaw parti integrali tal-koncessjoni enfitewtika temporanja surreferita, waqt li ordnat li tintradd lura l-proprjeta*

*kollha fejn jinsabu s-siti ta' St. Luke's Hospital, il-Karin Grech Rehabilitation Hospital u l-Gozo General Hospital u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija;*

*Illi in vista tal-fatt li I-mertu tal-kawza jincidi fuq servizz ta' natura essenzjali u ta' importanza nazzjonali, kif ukoll huwa mehtieg li jkun hemm certezza legali fuq kwistjonijiet ta' tmexxija ta' sptarijiet, ma hemmx lok ta' dewmien ghall-ghanijiet tal-Art. 243 tal-Kap. 12. Ghalhekk, I-esponenti jqisu li hemm l-estremi necessarji sabiex din 1-Onorabbli Qorti tqassar iz-zmien, ghall-prezentata ta' eventwali appell, dejjemjekk dan isir, quddiem 1-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

*Illi 1-artikolu 243(2) tal-Kap. 12 jiddisponi illi:*

*243.(1) 11-qorti tal-ewwel grad, fil-kazijiet li ma jridux dewmien, b 'talba, ukoll bil-fomm, minn wahda mill-partijiet, minnufih wara li tigi moghtija s-sentenza, tista ' tqassar iz-zmien ghall-prezentata tal-iskrittura tal-appellant quddiem il-qorti fi grad ta ' appell.*

***(2) Meta l-partijiet ma jaghmlux din it-talba minnufih wara li tinghata s-sentenza,jistghu jaghmlu din it-talba b 'rikors, u <u>l-qorti tal-ewwel grad</u>, wara li tisma' fil-qosor il-partijiet, taghti l-provvediment mehtieg.*** *(emfasi mizjud)*

*L-akkorcjament tat-terminu tal-appell hija tema pacifika wkoll fil-gurisprudenza lokali (ara, per ezempju, akkorcjament tat-terminu ta' 1-appell mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili: fil-kawzi segwenti:*

- *Mary Buhagiar maghrufa bhala Mariella Bose Buhagiar v. Direttur tar-Registru Pubbliku deciza mill-Qorti ta' 1-Appel nhar il-24 ta' Frar 2012; u kif ukoll*

- *Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited, Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar, 2002).*

*Ghar-ragunijiet suesposti, 1-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ai termini tal-Art. 243 tal-Kap. 12, tqassar iz-zmien ghall-prezentata ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat **ir-risposta ta' l-Avukat Dr.Adrian Delia tat-28 ta' Frar,** –

*Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva illi l-materja tal-kawza odjerna hija tassew ta' importanza nazzjonali li tirrigwarda servizz ta' natura essenzjali li jigi provdut lil poplu kollu, u ghalhekk, **fl-interess nazzjonali**, is-sentenza ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2023 ghandha tigi res judicata mill-aktar fis possibli u minghajr aktar telf ta' zmien u ghaldaqstant l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti,*

2. *Illi jinhtieg pero jigi rilevat illi din l-ghagla da parte tal-Gvern ta' Malta, kienet tkun aktar f'waqta matul l-procediment tal-kawza odjerna, izda minflok l-Gvern ta' Malta dam hames snin jiggieled l-kawza fuq il-mertu u dan a skapitu ta' flus il-poplu. Kien ikun ferm ahjar li kieku l-Gvern ta' Malta, sabiex jassigura li din il-materja tigi konkluza, mexa sabiex jirrixindi l-koncessjoni emfitewtika odjerna u l-kuntratti ancillari hu stess, minghajr l-bzonn tal-esponenti li jissielet wahdu ghal dan l-istess ghan.*

3. *Illi ghalhekk, I-esponenti, f'dan I-istadju, jirremetti ruhu ghas-savju u tant superjuri gudizzju ta' din I-Onorabbli Qorti.*

Rat **ir-risposta tas-socjetajiet konvenuti Steward Malta Assets Ltd (C70625), Steward Malta Management Limited (C70624) u Steward Malta Limited (C70546) ghar-rikors kongunt tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Avukat Generali, tal-Kap Ezekuttiv INDIS Malta Ltd (C-28965), tal-Kap Ezekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u tac-Chairman tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet tat-28 ta' Frar,2023** –

*Tesponi bir-rispett:*

*Illi din hija risposta ghar-rikors imressaq nhar il-25 ta' Frar, 2023 illi bih il-konvenuti kollha hlief ghas-socjetajiet esponenti, u cjoe, il-konvenuti kollha li b'xi mod jaghmlu parti mill-Gvern ta' Malta, talbu lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tqassar iz-zmien ghall-prezentata ta' appell wara s-sentenza tal-24 ta' Frar, 2023.*

*Illi tajjeb jinghad illi din it-talba trid tinqara fil-kuntest illi 1-Prim Ministru pubblikament stqarr illi 1-Gvern ma kienx sejjer jappella d-decizjoni fl-ismijiet fuq citata [ara* ***Dok A*** *anness]. Dan minkejja illi 1-istess sentenza iccensurat diversi esponenti tal-Gvern u ghalhekk, id-decizjoni li s-sentenza ma tigix appellata turi accettazzjoni da parti taghhom tal-kontenut tas-sentenza f'dan ir-rigward.*

*Illi fdan il-kuntest is-socjetajiet esponenti qeghdin jopponu ghat-talba mressqa bir-rikors ghar-ragunijiet li gejjin:*

(i) *Huwa pacifiku illi t-termini legali, fosthom termini tal-appell huma regoli ta' ordni pubbliku u ghalhekk kwalunkwe' dipartenza minn termini stabbiliti, anke jekk kontemplati mil-ligi, ghandha titqies ta' natura eccezzjonali;*

(ii) *It-terminu tal-appell ta' tletin (30) jum huwa meqjus sabiex jaghti zmien lill-partijiet biex ikunu jistghu jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom u jippreparaw u jipprezentaw, jekk hekk jidhrilhom, l-appell taghhom fi zmien xieraq illi ma jxellifx il-jedd ta' kull parti ghal smiegh xieraq — huwa fil-fatt terminu standard f'gurisdizzjonijiet ohra fl-Unjoni Ewropeja. Kemm hu hekk, it-terminu gie recentement mizjud minn ghoxrin (20) jum ghal tletin (30) jum, u dan fl-isfond tal-fatt illi bl-emendi fil-Kap 12, l-atti bil-miktub fl-appell saru ferm izjed centrali ghat-trattazzjoni tal-appell billi t-trattazzjoni orali saret l-eccezzjoni flok ir-regola. Ghalhekk iktar u iktar hemm bzonn illi kwalunkwe' rikors t'appell, jekk jigi mressaq, ikun wiehed komplet u ezawrjenti;*

(iii) *Dan ikompli jikkonferma illi kwalunkwe' akkorcjament tat-terminu, minnu nnifsu ghandu jkun mizura eccezzjonali u dan minhabba illi jimpingi direttament fuq il-jeddijiet tal-partijiet appellanti;*

(iv) *Kemm tali tqassir tat-terminu huwa eccezzjonali huwa implicimament konfermat miz-zewg sentenzi illi r-rikorrenti ghazlu li jikkwotaw in sostenn tat-talba taghhom. Wahda nghatat wiehed u ghoxrin sena ilu, lura fJannar, 2002 u kienet tirrigwarda appell minn digriet dwar kontumacja [ara* ***Dok B****], u l-ohra nghatat fl-2012, f'kawza dwar korrezzjoni ta' isem,* ***<u>fejn kienu l-partijiet stess li qablu li jakkorcjaw it-terminu tal-appell</u>*** *[ara* ***Dok C****]. Jekk dawn huma l-*

*ahjar ezempji li setghu jaghtu r-rikorrenti, tassew ma hemmx precedent xieraq ghal dak li qed jitolbu;*

(v) *Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti m'huma qed jaghtu ebda raguni ghaliex tali "urgenza" eccezzjonali hija mehtiega, ghajr billi jghidu illi l-mertu tal-kawza «Jincidi fuq servizz ta' natura essenzjali u ta' importanza nazzjonali" . Madanakollu, wiehed ma jridx jinsa illi dan il-kaz infetah fl-2018 u ghalhekk dam hames (5) biex jigi deciz, u kien jinvolvi wkoll appell minn digriet interlokutorju mressaq* ***mill-Avukat Generali stess****. Hames snin illi fih l-esponenti kompliet twettaq u taghti servizzi medici fl-isptarjijiet operati minnha, inkluz fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid. Fic-cirkustanzi, huwa ghalhekk suspettuz kif, ghall-intimati l-ohra, il-materja saret daqstant "urgenti" biss malli nghatat is-sentenza u mhux qabel. Possibbli wara hames snin ta' proceduri huma t-tletin jum tal-appell illi qed jaraw zejda?!*

(vi) *Tenut kont tad-dikjarazzjonijiet pubblici tal-Gvern illi "mhux ser jappella", it-taqsir tat-terminu jidher illi se jaffettwa biss lill-esponenti jekk jiddeciedu li jappellaw. Ghalhekk, kollox juri illi t-talba li qieghda ssir mhux tassew hija msejsa fuq sens ta' "urgenza", izda hija mmirata unikament sabiex taghti gambetta lill-esponenti u ttellifhom mill-jeddijiet legali u*

*procedurali taghhom, bil-hsieb illi jkollhom inqas zmien li fih ihejju appell. F'dan ir-rigward, l-esponenti minn issa jirriservaw il-jeddijiet kollha taghhom, inkluz li jfittxu d-drittijiet kostituzzjonali taghhom ta' smiegh xieraq fil-fora opportuni lokali u internazzjonali;*

(vii) *Fl-ahharnett, l-esponenti jirrilevaw illi hawn m'ahniex qed nitkellmu minn sentenza ta' xi ftit folji, iida dwar decizjoni ta' xejn inqas minn mija u sitta u tletin pagna, imsejsa fuq process illi fih diversi volumi u li fiha I-Ewwel Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta eccediet il-vires taghha billi akkuzat lill-esponenti ta' ghemil kriminali, anke jekk dan ma kienx il-mertu tar-rikors mahluf. Ta' min jghid ukoll illi wara li saret it-trattazzjoni orali nhar il-25 t'Ottubru, 2022, il-Qorti halliet il-kaz ghad-decizjoni ghall-31 ta' Jannar, 2023 izda, kif jixhed id-digriet anness (ara* **Dok D***) il-Qorti stess iddiferiet is-sentenza ulterjorment ghall-24 ta' Frar, 2023, ghaliex "in vista tal-komplessita' u n-natura tal-kaz, il-Qorti jehtigilha ftit aktar zmien minn dak previst sabiex tirredigi u tiffinalizza s-sentenza". Jekk il-Qorti stess dehrilha li kellha bzonn izjed zmien mit-tliet xhur u aktar li originarjament kienet prospettat biex thejji s-sentenza, u ddekretat differiment ta' kawzi xahar iehor, tkun tassew ingustizzja u ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq jekk ghall-kuntrarju it-terminu statutorju moghti ghall-appell jitnaqqar.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet u b'riserva ghal sottomissjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu viva voce quddiem din il-Qorti, l-esponenti qeghdin jopponu ghat-talba li saret mill-intimati ohra, u jinsistu illi t-terminu ghall-appell m'ghandux jigi akkorcjat.*

Rat li ir-rikors gie appuntat ghas-smigh illum.

Semghet it-trattazzjonijiet

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa digriet li qed isir ai termini ta' l-artikoli 243 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jiġi akkorċjat it-terminu ta' l-appell mis-sentenza fl-ismijiet suriferiti mogħtija nhar l-erbgħa l-24 ta' Frar, 2023.

Ir-rikorrenti jsostnu li din it-talba qed isir minħabba li hu fl-interss u importanza nazzjonali trattando ta' sevizzi ta' natura essenzjali.

Da parti ta' l-attur fil-kawza prinċipali Dr Adrian Delia , fir-rispsota tiegħu datata 28 ta' Frar, 2023, *inter alia* jaqbel lil mertu deċiż huwa wieħed ta' interess nazzjonali u li konsegwentement is-sentenza għandha tgħaddi n ġudikat mill-aktar fis possibbli. Konsegwentement għadda biex jirrimetti ruħu għal din id-deċiżjoni.

Kontrarjament il-konvenuti fil-kawza Steward Assets Ltd et. bir-risposta tagħhom datata 28 ta' Frar, 2023 opponew it-talba' għal akkroċjament. Jipremettu li l-akkroċjament huwa proċedura eċċezzjonali ta' terminu ta' ordni pubbliku. Ukoll li tali akkorċjament tenut kont it-tul u l-komplessita' tas-sentenza jista' jwassal biex jiġi lez id-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq.

Semgħet it-trattazzjonijiet fir-rigward.

Ikkunsidrat

Illi bla dubju akkorċjament tat-terminu ta' l-Appell huwa proċedura ta' natura eċċezzjonali stante liż-żmien illum ta' tletin jum, huwa wieħed tassattiv u ta' ordni pubbliku u dan kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Proċedura nostrali. Għalhekk il-Qorti taqbel u tqies lit-talba hija waħda ta' ferm eċċezzjonali li trid tiġi mwieżna sew.

Tara li l-artikolu li taħtu qed issir din it-talba tagħti diskezzjoni li Qorti fid-deċiżjoni tagħha, tant li trid ukoll li qabel ma tgħaddi għal istess, Hi tisma lil partijiet.

Il-Qorti tifhem il-lanjanza ta' Steward lis-sentenza kkontestata hija waħda voluminuza u li minnhom ikkontestata. Pero daqstant tinstab ċerta li fuq is-sentenza ġia saru diskussjonijiet u studji fuq l-punti in kontestatazzjoni, jew uħud minhom, u dan kif fil-fatt jidher ċar mill-istess risposta oppositorja.[1]

Minn naħa l-oħra tifhem ukoll illi din il-vertenza hija waħda li tolqot fill-fond l-interess pubbliku in kwantu tolqot servizzi ta' natura essenzjali għar-ragunijiet ovvji għax tirrelata mas-saħħa, appparti ma' l-errarju pubbliku. Għalhekk il-Qorti trid minn naħa waħda tassigura lil konvenuti intimati interessati li jintavolaw appell jitħallilhom żmien suffiċjenti biex jressqu appell studjat kif doveruz u minn naħa l-oħra kif jesiġi l-Gvern u l-attur li din il-vertenza tgħaddi mill-aktar fis possibbli n ġudikat.

Il-Qorti tqies ukoll li nonostante dak ilmentat mill-intimati fl-opposizzjoni tagħhom għal din it-talba, lil Qorti ta' l-Appell mhux prekluza li takkorda smigh ai terminu ta' l-artikolu 207 tal-Kap 12

[1] Vide par. Vii tar-risposta msemmija.

tal-liġijiet ta' Malta. Din hija diskrezzjoni mħollija fl-għerf tal-Qorti ta' l-Appell jekk tħoss tali neċċessita'.

Huwa doveruz fuq din il-Qorti li għalhekk iżżomm bilanċ bejn id-drittijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-partijiet involuti. Tagħraf lir-rikorrenti setgħu jagħmlu din it-talba seduta stante immedjatament wara l-għoti tas-sentenz , pero il-liġi tippermettilhom mod ieħor. Fuq kollox anke huma, kull minn kien hemm involut jinħtieg opportunita' li jaqra s-sentenza u l-effetti kollha tagħha.

Tqies li tali bilanċ huwa misjub jekk it-terminu ta'l-appell jiġi akkorċjat għal dak li kien ta'għoxrin jum qabel l-emmendi fir-rigward. Fil-fatt tali terminu ma kienx lesiv għad-dritt ta' smigħ xieraq u qeda' sew in-neċessita' biex isir rikors ta' l-Appell fl'loku u studjat anke f'ċirkostanzi ta' kawzi kumplikati u sentenzi voluminuzi.

Konsegwentement tilqa t-talba u takkorċja t-terminu ta' l-appell għal għoxrin jum.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**